MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 507/2003

**Nazzareno Abela**

**Vs**

**Samuel sive Sammy Abela**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab li l-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm1,495.00c (elf, erba’ u hamsa w erbghin lira Maltin) rapprezentanti danni in konnessjoni ma’ incident tat-traffiku li sehh fid-19 ta’ Settembru 2002 fi Triq il-Gudja, Tarxien bejn il-vetturi LGY 302 proprjeta’ ta’ l-attur, u DBF 872 misjuqa mill-konvenut, ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut ikkontesta t-talba u eccepixxa li l-attur kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' x-xhieda.

Ikkunsidra

Illi mix-xhieda tal-partijiet fil-kawza, huwa stabbilit li l-incident bejn il-vettura LGY 302 u DBF 872 sehh fi Triq il-Gudja, meta l-konvenut li kien gej minn tal-Barrani ried idur fuq il-lemin tieghu lejn Lazda Supermarket, ghalhekk waqaf sakemm ighaddu l-karozzi li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta, jigifieri min-naha tal-Gudja. Illi, l-partijiet pero ma qablux dwar il-pozizzjoni li kienet tinsab il-vettura misjuqa mill-konvenut fil-mument ta' l-incident, peress li l-konvenut qal li kien qed jistenna biex idur "naqra aktar 'il gewwa u cjoe naqra aktar fuq ix-xellug milli kif spiccajt fuq l-iskizz", jigifieri li l-vettura li kien qed isuq hu ma kienetx fil-kareggjata ta' dawk il-vetturi li jkunu sejrin lejn tal-Barrani. L-attur qabel ma' l-iskizz.

Illi meta mistoqsi fejn sehh il-*point of impact* bejn iz-zewg vetturi, l-attur indika li l-incident sehh meta l-vettura DBF 872 kienet dige fil-kareggjata tan-naha tal-lemin. Illi PS 1429 Eric Mangion, il-pulizija li nvestiga l-incident, meta mistoqsi fejn sehh l-impatt, indika li l-incident sehh fl-istess post li ndika l-attur.

Meta spjegaw x'gara lill-pulizija l-partijiet qalu kif gej:
L-attur qal: "Kont ghaddej minn Triq il-Gudja, Tarxien gej min-naha tal-Gudja sejjer lejn tal-Barrani meta f'daqqa wahda vettura DBF 872 qasmet quddiemi ghan-nofs it-triq u sehhet il-habta."

Il-konvenut qal: "Kont gej minn tal-Barrani waqaft fi Triq il-Gudja, Tarxien bl-indicator tal-lemin mixghul biex nuri li ser nikser lejn il-Lazda Supermarket, meta f'daqqa wahda giet vettura LGY 302 min-naha tal-Gudja bi speed kbir u habat go fiha."

F'dan il-kuntest, *The Highway Code* f'paragrafu 197 ighid "*if you wish to turn right, steer your vehicle as much as is*

*prudently possible to the centre of the road* ***without, however, encroaching on the other side of the road****.”*

Illi mill-iskizz u mix-xhieda ta’ l-attur li giet ikkorraborata mill-PS 1429, il-vettura DBF 872 kienet mahruga fuq in-nofs l-iehor tat-triq minn fejn kienet gejja l-vettura LGY 302.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza “Il-Pulizija Vs Borg” (Vol XXXVI) “ghalkemm driver ghandu joqghod attent sija jekk ikun fuq it-triq dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer fiha, huwa intuittiv, u hu principju affermat f’diversi decizjonijiet tal-Qrati Inglizi illi driver li sejjer jidhol fi triq ohra ghandu obbligu akbar minn dak id-driver fuq it-triq dritta, ghas-semplici raguni li hu jkun sejjer jaqsam is-“stream of traffic” li jkun hemm fuq it-triq id-dritta.” Ara ukoll “Thomas Smith Agencies Ltd Vs Giovanni Bonnett (Magistrati 23/7/2003MM).”

F’dan il-kaz il-kawza prossima ta’ l-incident kien li l-konvenut saq ghal fuq il-lane ta’ l-attur minghajr ma ha l-prekawzjonijiet necessarji.

Id-danni ma gewx kontestati.  Gew esebiti l-ircevuti u jidhru ragunevoli.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkudanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta’ Lm1,495.00c (elf, erba’ mija u hamsa w erbghin lira Maltin) lill-attur.  Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz (13 ta’ Marzu 2003).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------